# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Robert Vella)**

**Vs**

**Louis Bonnici**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Louis Bonnici li ghandu n-numru tal-karta tal-Identita` bin-numri 104665M li permezz taghha gie akkuzat li:

1. Nhar it-22 ta` Novembru, 2016, ghal habta tal-hamsa ta` filghaxija (17:00hrs) gewwa fond numru 14, sitwat gewwa Triq Dun Edgar Vella, Hamrun, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja f'periklu car, ikkaguna griehi ta` natura gravi fuq il-persuna ta` Dolores Borg, persuna li ghalqet l-eta` ta` sittin sena, hekk skond ma ccertifikat Dr. Daniel Debattista M.D. (Reg. No. 5719, mill-isptar Mater Dei, Msida u/jew diversi tobba ohra.

Rat l-atti u d-dokumenti ezibiti u semghet il-provi prodotti;

Semghet b'mod partikolari x-xhieda ta` Dolores Borg;

Rat il-provi dwar id-dinamika tal-incident u kif ukoll il-mahfra inkondizzjonata tal-parte civile lill-imputat;

Semghet ix-xhieda tal-imputat seduta stante;

## *DECIDE:*

Il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Fic-cirkostanzi, il-Qorti ma tistax issib lill-imputat hati u ghaldaqstant tilliberah minn kull htija u piena.

***Moghtija illum 16 ta` Ottubru, 2017 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***